MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta ta' l-1 ta' April, 2003

Rikors Numru. 112/2001/1

**Rikors Nru: 112/01 B**

**Pauline De Bono**

**vs**

**Carmel sive Charles Borg**

Il-Bord,

Ra r-rikors

Illi hija tikri lill-intimat il-fond li jismu Joe's Salon ta' 127 Howard Street, Sliema versu l-kera ta' mija u sittin lira Maltin (Lm160) fis-sena tithallas kull tlett xhur bil-quddiem u l-iskadenza li tmiss taghlaq fit-13 ta' Marzu, 2002.

Illi l-intimat biddel id-destinazzjoni tal-fond billi qed izommu maghluq.

Illi l-intimat ssulloka jew assenjaw il-fond lilhom mikri lil terzi minghajr il-kunsens tas-sid.

Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett li dan il-Bord joghgobha jawtorizza tirriprendi l-pussess tal-fond fuq imsemmi u konsegwentement tordna l-izgumbrament tal-intimat fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

Ra r-risposta

Illi l-allegazzjonijiet tar-rikorrenta huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha u dan stante li l-intimat ma' biddilx id-destinazzjoni tal-fond u lanqas assenja jew issulloka l-istess fond lil terzi.

Sema x-xhieda bil-gurament.

Ra d-dokumenti kollha u l-atti.

Ra n-nota tar-rikorrenti li biha cediet il-mertu u zammet shih il-kap ta' l-ispejjez billi l-intimat halla f'idjeha l-fond.

Ra l-verbal tas-6 ta' Frar 2003.

Ikkunsidra,

1. Imhabba li l-kap ta' l-ispejjez ma giex cedut il-Bord ikollu jidhol fil-mertu tal-kaz.

2. L-ewwel kawzal:

"L-intimat biddel id-destinazzjoni tal-fond billi qed izomm maghluq".

3. F'dawn il-proceduri ressqet biss xhieda r-rikorrenti specjalment dwar l-ewwel kawzali.

4. Il-fond kien jintuza minn mart l-intimat, Mary Borg bhala ‘hairdresser’. Inghalaq ghal xi ftit xhur u beda jinfetah minn certa Vicky Zerafa. Ghamlet xi sena/sena u nofs. Giet nieqsa u flokha dahlet in-neputija taghha certa Joanna. Ghamlet hemm xahar/xahrejn u l-hanut ghalaq. Zerafa mietet fi Frar 2001 u ghal habta ta’ Mejju 2001 il-hanut inghalaq. Beda isir xi xoghol fih fi tmiem il-gimgha.

5. Ir-rikors gie prezentat fl-24 ta’ Jannar 2002 xi tmien (8) xhur wara, l-hanut inghalaq. Fiz-zminijiet ta’ llum meta l-kompetizzjoni hija kbira hanut f’zona centrali li jaghlaq ghal tmien xhur, jitlef il-klientela b’danni ghas-sid. Jista’ jkun wkoll li l-intimat ghalaq il-hanut u beda xi xogholijiet fih biex jibdel il-gvern ta’ negozzju. Ghamel hekk minn jeddu. Li jista’ jghid il-Bord hu li ghal xi raguni l-hanut inghalaq. L-intimat ma gab ebda provi.

6. Non-uzo jikwivali ghal bdil ta’ destinazzjoni. Fuq dan il-gurisprudenza hi mxiet fuq it-taghlim tal-LAURENT: ‘si cambia l-uso della cose non usandone’.

7. L-ewwel kawzali tar-rikorrenti giet pruvata u ghalhekk l-ispejjez iridu jithallsu mill-intimat.

Dep./Reg
Magistrat

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------